**18 ta' Marzu, 1960**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Henry Cannataci et.

*versus*

Prof. Joseph Xuereb ne.

**Amministrazzjoni — Użufrutt — Eżekutur Testamentarju**

*L-użufruttwarju għandu d-dritt li jamministra l-beni minnu użufruwiti.*

*Għaldaqstant, jekk testatur ihalli l-użufrutt tal-beni tiegħu lil persuna u l-proprjetà lil persuna oħra, u jinnomina eżekutur testamentarju u amministratur ta' dawk il-beni, malli tispiċċa l-eżekutorija d-dritt tal-amministrazzjoni jgħaddi għand l-użufruttwarju bis-saħħa tad-dgawdija li ħallielu t-testatur; għax dik l-amministrazzjoni kienet sospiża mhux għaż-żmien kollu tal-użufrutt, imma biss għaż-żmien li ddum l-eżekutorija.*

*Għalhekk ukoll, jekk dak l-użufruttwarju, wara li tispiċċa l-eżekutorija jinnomina amministratur ieħor m'nflok l-eżekutur li kien hemm qabel, l-eredi proprjetarju ma jistgħax jippriva lil dan l-amministratur mid-dritt li jamministra l-eredità u jippretendi li jamministraha hu. U xejn*

*ma jiswa li hu jallega li hu, meta spiċċat l-eżekutorija, sar eżekutur naturali tal-wirt; għax huwa jibqa' dejjem proprjetarju "nudo", u jibqa' suġġett għall-użufrutt.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi, wara li ppremettew illi l-attur Henry Cannataci, b'rikors tat-2 ta' Ġunju 1959 preżentat quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, talab li, billi huwa kien wieħed mill-eredi testamentarji tal-imsemmi Enrico Cannataci, nannuh, jamministra l-assi tiegħu in sostituzzjoni tal-konvenut nomine, billi hu kien iħoss li seta' jamministra u jieħu ħsieb ħwejġu aħjar minn kwalsijasi persuna oħra estranea; illi l-attur Paul Cannataci aderixxa għat-talba ta' ħuh l-attur l-ieħor; illi b'digriet numru 688/59 tat-3 ta' Ġunju 1959 is-Sekond' Awla ċaħdet it-talba tal-attur Henry Cannataci, billi rriteniet li ma jidherx li hemm raġuni suffiċjenti biex jiġi sostitwit l-amministratur preżenti (dok. A); talbu li, prevja r-revoka tad-digriet numru 688/59 tat-3 ta' Ġunju 1959, tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, jiġi deċiż li l-attur Henry Cannataci jiġi nominat amministratur tal-assi ta' Enrico Cannataci, biex ikun jista' jamministrahom l-istess attur Henry Cannataci. Salva kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li biha ssottometta illi huwa qiegħed jamminisra l-assi tal-mejjet Enrico Cannataci anki in vista tal-kunsens tat-tfal tal-istess Cannataci li għandhom l-użufrutt tal-assi ta' missierhom; oltre dan, il-beni li jiffurmaw l-assi in kwistjoni (fil-maġġur parti) huma komuni ma' Antonia Cannataci, li hija nterdetta, u li tagħha l-eċċipjent huwa kuratur, b'mod li huwa dejjem irid jieħu sehem fl-amministrazzjoni f'din l-aħħar kwalità; u illi l-eċċipjent ma jidhirlux illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi jista', jew hu opportun li jinbidel l-istat ta' fatt sanzjonat bid-digriet imsemmi fiċ-ċitazzjoni, li in forza tiegħu l-eċċipjent ġie nominat kuratur tal-imsemmija Antonia Cannataci, u li l-atturi ppruvaw ibiddlu permezz tar-rikors l-ieħor dekretat fit-3 ta' Ġunju 1959 (digriet nru. 688/1959); u illi konsegwentement it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda; bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi, kif jirriżulta mit-testment fol. 5, Enrico Cannataci ħalla lill-uliedu Giuseppe u Salvino l-użufrutt tal-beni tiegħu kollha, u l-proprjetà ta' dawk il-beni lit-tfal naxxituri tal-imsemmijin uliedu, u nnomina lill-Prokuratur Legali Roberto Tabone eżekutur testamentarju u amministratur, bil-fakoltajiet neċessarji u opportuni li soltu jiġu konċessi lill-eżekuturi;

Illi, meta l-imsemmi P.L. Roberto Tabone kien fi stat kważi moribond fl-Isptar St. Vincent de Paul, l-imsemmijin Giuseppe u Salvino aħwa Cannataci, b'rikors tal-15 ta' Mejju 1959 quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, wara li ppremettew illi l-P.L. Tabone kien kuratur tal-interdetta Antonia armla ta' Enrico Cannataci u amministratur tal-assi tal-istess Enrico Canataci, talbu illi fl-imsemmija kurazija u amministrazzjoni jiġi provviżorjament sostitwit għalieh il-konvenut; u l-Qorti laqgħet it-talba;

Illi l-attur Henry Cannataci, b'rikors tat-2 ta' Ġunju 1959, talab lill-imsemmija Qorti biex tinnomina lilu amministratur tal-assi ta' Enrico Cannataci f'lok il-konvenut; iżda dik il-Qorti rriteniet li ma kienx hemm raġuni suffiċjenti għas-sostituzzjoni mitluba, u ċaħdet it-talba; u minn dan il-provvediment qegħdin jirreklamaw l-atturi bil-kawża odjerna;

Illi l-poter tal-amministrazzjoni kien ġie mogħti lill-P.L. Tabone fil-kwalità tiegħu ta' eżekutur testamentarju bis-saħħa ta' dispożizzjoni espressa fit-testment. Il-lum, li l-P.L. Tabone jinsab mejjet, l-eżekutorija spiċċat, u d-dritt tal-amministrazzjoni tal-wirt irritorna għand l-użufruttwarji bis-saħħa tad-dgawdija li ħallielhom l-awtur tagħhom. — dritt li kien sospiż mhux għaż-żmien kollu tal-użufrutt, iżda għaż-żmien biss li ddum l-eżekutorija. Għalkemm il-liġi ma tgħidux espressament, mid-dispożizzjonijiet regolanti l-użufrutt jista', u għandu jiġi deżunt il-poter tal-użufruttwarju li jamministra l-ħaġa suġġetta għall-

użufrutt. "Il diritto di godere", jgħid Baudry, "implica quello di amministrare, perchè gli atti di amministrazione cncorrono tutti più o meno all'esercizio del diritto di godimento. L'usufruttuario ha dunque il diritto di amministrare per il solo fatto che ha diritto di godere. La legge si è dispensata dal formulare questa questa regola in modo generali, perchè s'intendeva da sè" (Beni, no. 524). Talistess fehma hu Laurent (Diritto Civile, Vol. VI, no. 455);

Illi, ladarba dan id-dritt tal-amministrazzjoni, wara li spiċċat l-eżekutorija, ġie jinsab fl-użufruttwarji in forza tat-testment stess, u fuq talba tagħhom stess dak id-dritt ġie nvestit fil-konvenut, ma għandux ikun leċitu lill-atturi li jipprivaw lill-konvenut minn dak id-dritt. Lanqas jista' jingħad li l-atturi, bħala eredi, wara li spiċċat l-eżekutorija tal-P.L. Tabone, saru l-eżekuturi naturali tal-wirt, għaliex huma baqgħu dejjem "nudi" proprjetarji u suġġetti għall-"użufrutt" kostitwit favur l-imsemmijin Giuseppe u Salvino Cannataci;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi ma hemmx lok li jiġu nvestiti l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talbiet tal-atturi; bl-ispejjeż kontra tagħhom.